This job description is not necessarily an exhaustive list of duties but is intended to reflect a range of duties the Executive (Education and Development) will perform. This may be reviewed regularly and may be changed.

Eligibility Requirements

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

citizens of Malta; or

citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw status ta' residenti tul żmien twil f'Malta skont ir-regolament 4 tar-'Regolamenti dwar Status ta' Residenti li Joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)' tal-2006 jew li ngħataw permess ta' residenza skont ir-regolament 18(3) tagħhom, flimkien mal-membri tal-familja ta' dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw permess ta' residenza skont ir-'Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji'; jew

fil-pussess ta' dokument ta' residenza maħruġ skont it-termini tal-'Regolamenti dwar l-Istatus ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u tal-Membri tal-Familja tagħhom skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tal-Unità taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u l-Unità tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-bżonn fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq.

Il-ħatra tal-kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol kemm-il darba dan ikun meħtieġ mill-Att dwar l-Immigrazzjoni u l-leġiżlazzjoni sussidjarja. Dwar din il-kwistjoni Jobsplus għandha tiġi kkonsultata kif meħtieġ.

U

kapaċi jikkomunikaw kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż sabiex iwettqu b'mod suffiċjenti u adegwat id-dmirijiet li qegħdin japplikaw għalihom.

U

Għandu jkollhom ukoll:

Kwalifika ta' Maġisteru rrikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2008 'l quddiem) fl-Edukazzjoni tal-Arti, it-Tagħlim u l-Apprendiment (Dixxiplina Artistika), l-Arti tal-Prattika Soċjali, l-Arti u/jew il-Ġestjoni Kulturali, l-Industriji Kreattivi u/jew l-Intraprenditorija kif ukoll sena (1) esperjenza rilevanti;

JEW

Kwalifika ta' Baċellerat irrikonoxxuta fil-Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li jibdew minn Ottubru 2003 'l quddiem) fl-Edukazzjoni tal-Arti, it-Tagħlim u l-Apprendiment (Dixxiplina Artistika), l-Arti tal-Prattika Soċjali, l-Arti u/jew il-Ġestjoni Kulturali, l-Industriji Kreattivi u/jew l-Intraprenditorija kif ukoll tliet (3) snin esperjenza rilevanti.

third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

in possession of a residence document issued in terms of the "Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations".

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

able to communicate in both the Maltese and English language in order to sufficiently and adequately carry out the duties applied for.

AND

Must be in possession of:

A recognised Master's qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Arts Education, Teaching and Learning (Artistic discipline), Social Practice Arts, Arts and/or Cultural Management, Creative Industries and/or Entrepreneurship plus one (1) year relevant experience;

OR

A recognised Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Arts Education, Teaching and Learning (Artistic discipline), Social Practice Arts, Arts and/or Cultural Management, Creative Industries and/or Entrepreneurship plus three (3) years relevant experience.

Għarfien u Ħiliet:

Għarfien u interess estensiv fis-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta;

Esperjenza ppruvata fis-settur tal-edukazzjoni artistika hi essenzjali u esperjenza ta' tmexxija f'dan ir-rigward hi mixtieqa;

Passjoni u viżjoni fil-bini ta' kapaċitajiet edukattivi aktar b'saħħithom għas-setturi kulturali u kreattivi;

Esperjenza preċedenti fl-edukazzjoni tal-arti u/jew fl-arti f'kuntesti edukattivi;

Fehim tal-politika u tal-leġiżlazzjoni internazzjonali, Ewropea u nazzjonali relatati mas-setturi kulturali u kreattivi, b'enfasi fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali;

Ħila fl-abbozzar ta' korrispondenza, proposti ta' riċerka, rapporti, noti ta' diskorsi, dokumenti ta' diskussjoni u dokumenti ta' pożizzjoni;

Kapaċità qawwija ppruvata fl-interpretazzjoni ta' indikaturi kummerċjali biex jiġu identifikati xejriet relevanti;

Ħiliet ta' ħsieb orjentati lejn l-istrateġija u ħiliet analitiċi eċċellenti;

Għarfien tajjeb tal-monitoraġġ, tar-riċerka u tal-metodi statistiċi;

Fehim sod tal-prattiki tal-akkwist pubbliku fi ħdan entitajiet governattivi;

Fehim tal-iżvilupp sostenibbli, b'mod speċjali fl-oqsma tal-kultura, tal-politika soċjali, tal-komunitajiet u tal-edukazzjoni;

Abbiltà ġenerali ppruvata fl-ipproċessar tal-kliem, spreadsheets, bażijiet tad-data u applikazzjonijiet informatiċi oħra.

Ħiliet Tekniċi u Komunikattivi:

Ħiliet eċċellenti fil-komunikazzjoni miktuba u verbali bl-Ingliż u preferibbilment ukoll bil-Malti kif ukoll ħiliet interpersonali b'saħħithom;

Entużjażmu u motivazzjoni;

Diplomazija u assertività fir-rapporti man-nies;

Ġudizzju żviluppat tajjeb u abbiltà fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

Knowledge and Skills:

Extensive knowledge and interest in Malta's cultural and creative sectors;

Proven experience in the arts education sector is essential and leadership experience in this regard is desirable;

Passionate and visionary in building stronger educational capacities for the cultural and creative sectors;

Previous experience in arts education and/or arts in education contexts;

An understanding of international, European, and national policy and legislation relating to the cultural and creative sectors, with a focus on education, training, and professional development;

Ability to draft correspondence, research proposals, reports, speech notes, discussion documents and position papers;

Demonstrated strong ability to interpret business indicators to identify trends;

Strategy-oriented thinking skills and excellent analytic skills;

Good knowledge of monitoring, research, and statistical methods;

Sound understanding of procurement practices within governmental entities;

An understanding of sustainable development especially in the areas of culture, social policy, communities, and education;

Demonstrated general ability in word processing, spreadsheets, database, and other computer applications.

Technical and Communication Skills:

Excellent written and verbal communication skills in English and preferably Maltese, together with strong interpersonal skills;

Enthusiasm and motivation;

Diplomacy and assertiveness in dealing with people;

Well-developed judgement and the ability to make decisions;

Il-ħila fit-trawwim ta' relazzjonijiet ta' ħidma effettivi mal-entitajiet illi jaqgħu fil-portafoll tal-KMA;

Kapaċità fil-ħidma indipendenti b'attenzjoni għad-dettalji.

Operattivi:

Jirrapporta għand id-Direttur (Strateġija) fil-Kunsill Malti għall-Arti, bl-appoġġ tal-Kap tal-Istrateġija kif meħtieġ;

Il-kandidat magħżul jista' jintalab jaħdem sigħat flessibbli skont l-esiġenzi operattivi, ġieli anke filgħaxija u fi tmiem il-ġimgħa;

Ir-rwol jista' jirrikjedi vjaġġar lokali u internazzjonali b'konnessjoni ma' laqgħat, konferenzi, programmi ta' taħriġ, attivitajiet ta' networking u dmirijiet uffiċjali oħra.

Informazzjoni dwar il-Kuntratt u s-Salarju

Il-kandidat magħżul jidħol f'kuntratt ta' impjieg full-time fuq bażi indefinita. Is-salarju mħallas ikun salarju bażiku ta' €35,877 fl-2026 (massimu Grad 5 tal-Istruttura tal-Gradi u s-Salarji tal-Kunsill Malti għall-Arti), Bonus tal-Prestazzjoni sa 15% fis-sena, Allowance għad-Disturb sa 15% fis-sena, Allowance tal-Klassi tal-Entità ta' €1,500 fis-sena u Allowance tat-Taħriġ ta' €700 fis-sena.

Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati tagħhom lil (vacancies.acm@artscouncil.mt)

Applikanti bi kwalifiki barranin għandhom jippreżentaw dikjarazzjoni ta' rikonoxximent miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA). Din tinkiseb bis-sottomissjoni ta' applikazzjoni online għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Din id-dikjarazzjoni għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni u l-oriġinali għandha tiġi ppreżentata waqt l-intervista.

L-iskadenza għall-applikazzjonijiet tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Awwissu, 2026, f'nofsinhar.

L-applikanti eliġibbli jintalbu jattendu intervista ta' selezzjoni.

Is-17 ta' Lulju, 2026

Ability to foster and cultivate effective working relationships with the entities falling within the portfolio of the ACM;

Capable of working independently with an attention to detail.

Operational:

Report to the Director (Strategy) at Arts Council Malta, with support from the Head of Strategy as required;

The selected candidate may be required to work flexible hours according to operational exigencies, including occasional evenings and weekends;

The role may require local and international travel in connection with meetings, conferences, training programmes, networking activities and other official duties.

Contract and Salary Information

The selected candidate will enter into a full-time employment contract on an indefinite basis. The salary paid will be of a basic salary of €35,877 in 2026 (maximum Grade 5 of the Art Council Malta's Grading and Salary Structure), a Performance Bonus of up to 15% per annum, a Disturbance Allowance of up to 15% per annum, an Entity Class Allowance of €1,500 per annum, and a Training Allowance of €700 per annum.

Applications

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of certificates to (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Applicant holding foreign qualifications are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA), which is to be obtained by submitting an online application for the recognition of qualifications at (https://services.mfhea.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Closing date for applications is Friday, 7th August, 2026, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

17th July, 2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT

Espressjoni ta' Interess

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport, jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni interessati li jservu, permezz ta' kuntratt ta' servizz, bħala Vocational Trainers fl-iskejjel tal-Gvern, ċentri tat-tagħlim u fl-Alternative Learning Programme (ALP), għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Settembru, 2026 sad-9 ta'Lulju, 2027.

Il-Vocational Trainers huma meħtieġa f'dawn l-oqsma:

Building Services
Carpentry
Information Technology

Kull min hu interessat għandu jkollu kwalifika fil-Livell 4 tal-MQF fil-qasam li jkun applika fih. Kwalifika ta' Livell 3 tal-MQF flimkien ma' tmien (8) snin esperjenza fit-tagħlim tiġi meqjusa biss meta din tkun l-ogħla kwalifika fis-suġġett ikkonċernat. Min jintgħażel hu mistenni li jaħdem sa mhux iktar minn 27.5 siegħa fil-ġimgħa, fil-ġranet tal-iskola.

Espressjonijiet ta' Interess jintlaqgħu fuq (https://edurecruitment.gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2026. Mal-applikazzjoni għandu jkun hemm mehmuż CV flimkien mal-kopji taċ-ċertifikati oriġinali.

L-applikanti jiġu intervistati. Waqt l-intervista huma mistennija jippreżentaw:

Il-karta tal-identità;

Ċertifikat tal-kondotta tal-Pulizija maħruġ mhux iktar minn xahar qabel id-data tal-għeluq ta' din l-espressjoni ta' interess;

Portafoll b'xogħlijiet li jistgħu jinħadmu mill-istudenti u Learning Outcomes relatati magħhom;

Tagħrif bażiku pedagoġiku ta' attitudnijiet u kwalitajiet meħtieġa biex tikkomunika ma' studenti ta' livelli differenti.

Aktar tagħrif u kjarifiki jistgħu jintalbu fuq:

Indirizz elettroniku: (erd-pmd.mes@gov.mt)
Numru tat-telefown: 2598 2490

Is-17 ta' Lulju, 2026

MINISTRY FOR EDUCATION AND SPORT

Expression of Interest

The Permanent Secretary, Ministry for Education and Sport, will be receiving applications from interested persons to perform duties on a contract for service basis as Vocational Trainers in State schools and learning centres, including the Alternative Learning Programme (ALP) from 1st September, 2026 to the 9th July, 2027.

Vocational Trainers are required for the following areas:

Building Services
Carpentry
Information Technology

Interested individuals are to have a qualification at MQF Level 4 in the area applied for. Qualifications at MQF Level 3 plus 8 years teaching experience will only be considered if MQF Level 3 is the highest level qualification in the subject applied for. Selected individuals are expected to work up to a maximum of 27.5 hours a week, on school days only.

Expressions of Interest will be received via (https://edurecruitment.gov.mt) until noon on Friday, 31st July, 2026. Interested parties must also forward a detailed CV and copies of original certificates.

Eligible candidates will be interviewed and will be required to show:

Their ID card;

Their Police conduct certificate, issued not more than a month before the closing date of this expression of interest;

A portfolio of work and the relevant Learning Outcomes which can be implemented with students;

Basic knowledge of pedagogy that indicates that one has the necessary qualities and disposition to communicate with students of various abilities.

Further enquiries or clarifications can be obtained through the following contacts:

Email address: (erd-pmd.mes@gov.mt)
Telephone number: 2598 2490

17th July, 2026

FORZI ARMATI TA' MALTA

Post ta' Perit
fil-Forzi Armati ta' Malta

(Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil)

1. Il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Perit (mhux kumbattant) fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. Għaldaqstant qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand kandidati li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

a. Nazzjonalità – Ċittadini ta' Malta;

b. Età – L-applikanti m'għandhomx ikunu għalqu t-tletin 30) sena sal-31 ta' Awwissu, 2026; jew, applikanti li servew jew qed iservu f'korp dixxiplinat ieħor irid jiġi aċċertat li ma jilħqux l-età ta' 55 sena qabel ma jilħqu il-25 sena servizz;

c) Medika – Ikunu b'saħħithom biex jaqdu dmirijiet skont il-livelli tal-Forza Regolari;

d) M'għandux ikollhom tattoos eċċessivi, u żgur mhux fuq il-wiċċ, l-għonq u kwalunkwe parti tal-id, jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq kwalunkwe parti tal-ġisem;

e. Professjonali u akkademiku – L-applikanti jridu jkunu fil-pussess ta' warrant ta' 'Perit', jew 'Perit Arkitett', jew 'Perit Inġinier Ċivili', jew 'Perit Arkitett u Inġinier Ċivili' sabiex jipprattika f'Malta kif regolat mill-Att dwar il-Periti, Kap. 622 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) Karattru morali tajjeb – L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta biex jgħaddu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ta Malta u jħallsu l-miżata ta' €5.50 dovut, sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika.

Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-Proċess tal-Għażla ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp Dixxiplinat ieħor.

L-applikanti jridu jipproduċu ittra ta' referenza tal-karattru tagħhom.

ARMED FORCES OF MALTA

Post of Perit
in the Armed Forces of Malta

(In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclature denoting the male gender includes also the female gender)

1. The Commander Armed Forces of Malta invites applications for the post of Perit (non-combatant) in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applications are therefore invited from candidates who satisfy the following criteria:

a. Nationality – Citizens of Malta;

b. Age – Applicants must not have reached the age of (30) by 31 August 2026; or, those applicants who have served, or are serving in another disciplined force with reckonable service must not attain 55 years of age prior reaching the 25 years service;

c) Medical – Be certified fit for duty to Regular Force standards;

d) Not sport excessive tattoos, and definitely not on face and neck and any part of the hand, or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body;

e) Professional and academic – Applicants Must be in possession of a warrant of 'Perit', or 'Perit Arkitett', or 'Perit Inġinier Ċivili', or 'Perit Arkitett u Inġinier Ċivili' to practice in Malta as regulated by the Periti Act, Cap 622 of the Laws of Malta;

f) Good moral character – Applicants shall be required to give their consent to the Malta Police to provide the AFM with their criminal records.

Applicants are to apply at the Armed Forces of Malta Headquarters and pay the applicable fee of €5.50 so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes.

Applicants shall be vetted in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

Applicants must present a character reference letter.

3. Il-Perit ikun responsabbli lejn is-superjur dirett tiegħu. Id-dmirijiet ewlenin tiegħu jinkludu dan li ġej:

a) jagħti pariri professjonali fuq materja relatata ma' arkitettura, inġinerija ċivili u strutturali, ippjanar, manutenzjoni ta' infrastruttura u proprjetà, u kwalunkwe xogħol ieħor relatat, skont l-esiġenzi tas-servizz;

b) jagħti pariri lill-Kmandant dwar implikazzjonijiet ta' xogħlijiet, proġetti, żviluppi, interventi ta' manutenzjoni, applikazzjonijiet tal-ippjanar, permessi jew tibdil fl-infrastruttura eżistenti;

c) imexxi xogħol ta' riċerka teknika, iwettaq spezzjonijiet fuq il-post, jagħmel analiżi, jikteb rapporti, stimi, pjanti, speċifikazzjonijiet, termini ta' referenza, bills of quantities u jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-fomm jew bil-kitba skont ma jkun meħtieġ. Jissottometti wkoll applikazzjonijiet għall-permessi tal-ippjanar f'isem il-Forzi Armati ta' Malta;

d) jibni database ta' rappurtar li tinkludi rekord tal-proprjetajiet tal-Forzi Armati ta' Malta, assi infrastrutturali, permessi, pjanti, spezzjonijiet, rekwiżiti ta' manutenzjoni, dokumentazzjoni tal-proġetti u obbligi ta' rappurtar tekniku li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Forzi Armati ta' Malta;

e) jagħti pariri u jassisti fl-aspetti tekniċi tax-xogħlijiet li jitwettqu minn uffiċjali oħra fit-taqsimiet li hemm fil-Forza;

f) jirrappreżenta l-Forza quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, l-Awtorità tal-Artijiet, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, qrati, tribunali, bordijiet jew kwalunkwe awtorità oħra;

g) jagħti pariri tekniċi lill-Forza, inkluż barra ħinijiet uffiċjali tax-xogħol, skont il-ħtiġiet tas-servizz;

h) kwalunkwe xogħol ieħor li jista' jiġi assenjat mill-Kmandant.

4. Il-Kwalifiki u l-esperjenza jridu jkunu sostnuti b'ċertifikati u/jew testimonjanza, li kopji tagħhom iridu jkunu annessi mal-applikazzjoni.

5. Ċertifikati oriġinali u/jew testimonjanza jridu jiġu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista.

6. Fejn jikkonċerna kwalifiki addizzjonali sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom jagħtu ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ jew miċ-Ċentru Malti ta' Informazzjoni dwar il-Kwalifiki (MQRIC) fi ħdan in-National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), jew minn

3. The Perit shall report to his direct superior. The Officer's main duties include the following:

a) providing professional advice on architectural, civil engineering, structural, planning, maintenance, infrastructure and property-related matters, and any other matter in accordance with the exigencies of the service;

b) advising the Commander on the potential implications of proposed works, projects, developments, maintenance interventions, planning applications, permits or changes to existing infrastructure;

c) leading technical research work, carrying out site inspections, performing analyses, drawing up reports, estimates, drawings, specifications, terms of reference, bills of quantities and making oral and written representations as may be required in the field of work. Submitting planning permits on behalf of the AFM;

d) building up a reporting database which includes a record of AFM properties, infrastructure assets, permits, drawings, inspections, maintenance requirements, project documentation and technical reporting obligations within the Armed Forces of Malta's remit;

e) advising and assisting in the technical aspects of the work of other Officers within the Units of the Force;

f) representing the Force in front of the Planning Authority, Building and Construction Authority, Lands Authority, Superintendence of Cultural Heritage, Occupational Health and Safety Authority, courts, tribunals, boards or any other authority;

g) acting as technical advisor to the Force, including outside of official working hours, in accordance with the exigencies of the service.

h) any other duties that may be assigned by the Commander from time to time.

4. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application.

5. Original certificates and/or testimonials are to be presented for verification during the interview.

6. With respect to additional qualifications submitted in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), or by any other designated

kwalunkwe awtorità oħra mwaqqfa għal dan il-għan. Dan iċ-ċertifikat għandu jiġi mehmuż mal-applikazzjoni u jingħata waqt l-intervista.

a) Dawk l-applikanti li m'għandhomx dan iċ-ċertifikat jistgħu xorta japplikaw, basta jipprovdu kopja tad-dikjarazzjoni lill-Forzi Armati ta' Malta kif tkun f'idejhom, iżda dan mhux aktar tard mid-data tal-intervista;

b.) Applikanti jiġu eżentati miċ-ċertifikati msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati;

c. F'każi ta' dubju, madankollu, il-bord tal-għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ mill-MQRIC. F'dan il-każ il-kandidat jingħata xahar biex jippreżenta ċ-ċertifikat bil-possibilità ta' estensjoni kif imsemmi f'subparagrafu (b) hawn fuq.

7. L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa jidhru quddiem bord tal-għażla sabiex jiġu assessjati fl-adekwatezza tagħhom biex jimlew il-post.

8. Il-kandidat magħżul jiġi eżaminat medikament biex jiġi żgurat li l-kandidat hu b'saħħtu għall-impjieg skont ir-regolamenti tal-Forza Regolari.

9. Ladarba jintgħażel, il-kandidat magħżul ikun fuq perjodu ta' prova għal perjodu ta' sena, u jaf ikollu bżonn jagħmel kors ta' formazzjoni lokali u/jew barra minn Malta.

10. Qabel ma jiġi nominat, il-kandidat magħżul ikun jeħtieġ jgħaddi mill-proċess ta' Security Clearance sabiex jikseb National Security Clearance Certificate fil-livell meħtieġ. Jekk jeħel minn dan il-proċess, ma jkunx aktar eliġibbli biex jintgħażel. Jekk jeħel minn dan il-proċess wara li jkun diġà beda l-perjodu bi prova, jinħall mis-Servizz minnufih.

11. Il-kandidat magħżul jiġi kkummissjonat fil-grad ta' Logutenent (Perit) b'salarju fi Skala ta' Salarju 7 li fl-2026 huwa ta' €32,158.00 li jiżdied b'€531.00 fis-sena. Addizzjonalment, jitħallas AFM allowance ta' €1,750 fis-sena.

12. Il-kandidat magħżul li jkun ilu jaħdem bis-sħiħ għal tal-inqas tliet snin bħala perit bil-warrant jieħu Kummissjoni fir-rank ta' Kaptan (Perit) Skala ta' Salarju 6 li fl-2026 huwa ta' €33,931.00 li jiżdied b'€596.00. fis-sena. Addizzjonalment, titħallas AFM allowance ta' €1,750 u fis-sena.

13. Suġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-persuna nominata mbagħad issegwi l-istruttura, gradi u kundizzjonijiet

authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

a. Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the Armed Forces of Malta as soon as it is available and, in any case, by not later than the date of the interview;

b. Applicants are exempted from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions;

c. In cases of doubt, however, the selection board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

7. Eligible applicants will be requested to attend for an interview by a selection board to assess their suitability for the post.

8. The selected candidate will then be medically examined to ascertain that the candidate is fit for the post in accordance with Regular Force Standards.

9. Once selected, the successful candidate will be on probation for a period of one year and may need to undergo a formation course local and/or abroad.

10. Prior to being appointed, the selected candidate identified will be required to undergo a Security Clearance process to obtain a National Security Clearance Certificate at the required level, failing which he will no longer be eligible for selection. If selected already and undergoing his years' probation, he will, on failing his security clearance, be discharged from the Service with immediate effect.

11. The successful candidate will be commissioned in the rank of Lieutenant (Perit) and placed on Salary Scale 7 which in 2026 is equivalent to €32,158.00 rising by annual increments of €531.00. Additionally, the AFM allowance of €1,750 shall be paid on an annual basis.

12. A successful candidate who has at least three years of proven practice after obtaining the warrant to practice as Perit will be commissioned in the rank of Captain (Perit) and placed on Salary Scale 6 which in 2026 is equivalent to €33,931.00 rising by annual increments of €596.00. Additionally, the AFM allowance of €1,750 shall be paid on an annual basis.

13. The appointee may apply to be placed on a salary scale immediately higher than that of his substantive rank,

approvati tal-Forzi Armati ta' Malta u tista' tapplika biex titpoġġa fuq skala ta' salarju immedjatament ogħla minn dik tal-grad sostantiv tagħha, bħala rikonoxximent għall-kwalifika professjonali tagħha u skont il-politiki eżistenti. Dan huwa suġġett għad-diskrezzjoni tal-Kmandant.

14. Il-kandidat magħżul li jkun ikkummissjonat bħala Logutenent (Perit) ikun promoss fil-grad ta' Kaptan (Perit) wara tliet (3) snin ta' prattika professjonali mid-data li fiha jkun kiseb il-warrant biex jipprattika bħala Perit f'Malta.

15. Kaptan (Perit) ikun promoss fil-grad ta' Maġġur wara li jlesti programm ta' taħriġ professjonali kif identifikat mill-Kmandant tal-FAM.

16. Maġġur (Perit) ikun eliġibbli biex ikun ikkunsidrat għall-promozzjoni għal Logutenent-Kurunell (Perit) wara sena fil-grad ta' Maġġur. Il-promozzjoni tkun dipendenti fuq id-disponibbiltà ta' vakanza fl-establishment approvat.

17. Applikanti prospettivi jistgħu jiġbru l- formoli tal-applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, jew iniżżluha mill-website tal-FAM.

18. L-applikazzjonijiet mimlija għandhom jaslu fl-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2026. Mal-formoli tal-applikazzjoni għandhom ikunu inklużi:

a) Ritratt tal-passaport bil-kulur;

b) Irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mill-FAM għal ħruġ tar-reġistru tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) (Ċertifikati tal-kondotta mhux aċċettati);

c) Ċertifikati akkademiċi u professjonali, li jinkludu t-traskritt uffiċjali relatati maċ-ċertifikati maħruġ mill-Università u l-warrant;

d) Ittra ta' riferiment dwar il-karattru;

e) Curriculum vitae;

f) Jobsplus Employment History.

19. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

20. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

in recognition of his professional qualification and in accordance with extant policies. This is subject to CAFM discretion.

14. A successful candidate commissioned as Lieutenant (Perit) shall progress to the rank of Captain (Perit) after the completion of three (3) years of professional practice from the date of having achieved the warrant to practice a Perit in Malta.

15. A Captain (Perit) shall be promoted to Major (Perit) after completion of a Professional training program as identified by Commander AFM.

16. A Major (Perit) shall be eligible to be considered for a promotion to Lieutenant-Colonel (Perit) after the completion of 1 year in the rank of Major (Perit). Promotion shall be dependent on the availability and selection to fill a vacancy in the approved establishment.

17. Prospective applicants can collect application forms from Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, or download it from the AFM website.

18. Duly completed application forms must reach Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, by noon, on Friday, 31st July, 2026. The application form must include:

a) Passport sized photograph in colour.

b) receipt (dated after the publication of this call) issued by the AFM on application for issue of record of criminal convictions (Fedina Penali) (Conduct certificates are not accepted);

c) Academic and professional certificates, including the official transcripts pertaining to university qualifications and warrant;

d) Character reference letter;

e) Curriculum vitae;

f) Jobsplus Employment History.

19. Late applications will not be considered.

20. Further information may be obtained from the AFM website (www.afm.gov.mt).

21. L-applikanti jiġu infurmati b'ittra jekk ġewx magħżula jew le. Id-deċiżjoni tal-bord tal-għażla hija waħda finali.

Is-17 ta' Lulju, 2026

FORZI ARMATI TA' MALTA

Sejħa għall-Ingaġġ ta' Perit fil-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri tal-Forzi Armati ta' Malta

(Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklatuti li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminili)

1. Il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Perit (mhux kumbattant) fil-Forza ta' Riżerva tal-Voluntiera tal-Forzi Armati ta' Malta.

Termini u Kundizzjonijiet

2. Il-kandidati magħżula jiġu kkummissjonati fil-gradi ta' Logutenent, bi skala ta' salarju fuq bażi prorata. Suġġett għal impenn muri, prestazzjoni sodisfaċenti, esperjenza professjonali u rekwiżiti ta' servizz, l-uffiċjali jistgħu jkunu eliġibbli għall-promozzjoni għall-grad ta' Kaptan u, eventwalment, Maġġur.

3. Ir-Riżervisti Professjonisti jkunu meħtieġa li jservu skont kuntratt miftiehem minn qabel.

4. Ir-Riżervisti Professjonisti jistgħu jissejħu f'każijiet ta' periklu nazzjonali jew ta' xi emerġenza kbira. Barra minn hekk, riżervisti jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw u jassistu l-Forza Regolari f'kull missjoni nazzjonali u xogħol ieħor.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

5. Għaldaqstant qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand kandidati li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

a) Nazzjonalità – Ċittadini ta' Malta;

b) Età – Ikunu għalqu t-tmintax-il sena (18) iżda mhux il ħamsa u erbgħin sena (45) sena sad-data tal-għeluq ta' dawn l-applikazzjonijiet;

c) Medika – Ikunu b'saħħithom biex jaqdu dmirijiet skont il-livelli tal-Forza Regolari; dan jinkludi li ma jkunux iqsar minn 1.57m. fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli paragunat mat-tul;

d) M'għandux ikollhom tattoos eċċessivi, u żgur mhux fuq il-wiċċ, l-għonq u kwalunkwe parti tal-id, jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq kwalunkwe parti tal-ġisem;

21. Applicants will be notified by a letter whether they have been selected or not. The decision of the selection board will be final.

17th July, 2026

ARMED FORCES OF MALTA

Call for Enlistment of Perit In the Volunteer Reserve Force Of the Armed Forces of Malta

(In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclature denoting the male gender includes also the female gender)

1. The Commander of the Armed Forces of Malta invites applications for the post of Perit (non-combatant) in the Volunteer Reserve Force of the Armed Forces of Malta.

Terms and Conditions

2. Successful candidates will be commissioned in the rank of Lieutenant with a salary scale on a pro-rata basis. Subject to demonstrated commitment, satisfactory performance, professional experience and service requirements, officers may be eligible for promotion to the rank of Captain and, subsequently, Major.

3. Reservist professionals shall be required to serve as per an agree contract.

4. Reservist professionals may be called out in case of national danger or great emergency. Additionally, reservists may be called out in order to participate and assist the Regular Force in any national mission and other tasks.

Eligibility Requirements

5. Applications are therefore invited from candidates who satisfy the following criteria:

a) Nationality – Citizens of Malta;

b) Age – Have attained their eighteenth (18) years of age but not their fourth fifth (45) on the closing date of this call for applications;

c) Medical – Be certified fit for duty to Regular Force Standards. This includes a minimum height requirement of 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

d) Not sport excessive tattoos, and definitely not on face and neck and any part of the hand, or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body;

e) Professjonali u akkademiku – L-applikanti jridu jkunu fil-pussess ta' warrant ta' 'Perit', jew 'Perit Arkitett', jew 'Perit Inġinier Ċivili', jew 'Perit Arkitett u Inġinier Ċivili' sabiex jipprattika f'Malta kif regolat mill-Att dwar il-Periti, Kap. 622 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) Karattru morali tajjeb – L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta biex jgħaddu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal- Forzi Armati ta Malta u jħallsu l-miżata ta' €5.50 dovut, sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika.

Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-Proċess tal-Għażla ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp Dixxiplinat ieħor;

g) Mhumiex iservu bħala Pulizija, Gwardjani tal-Ħabs jew membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni ta' Sostenn

6. Il-warrants, kwalifiki u l-esperjenza jridu jkunu sostnuti b'ċertifikati u/jew testimonjanza, li kopji tagħhom iridu jkunu annessi ma l-applikazzjoni.

7. Warrants, ċertifikati akkademiċi oriġinali u/jew testimonjanza jridu jiġu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista.

8. Fejn jikkonċerna kwalifiki akkademiċi addizzjonali sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom jagħtu ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ jew miċ-Ċentru Malti ta' Informazzjoni dwar il-Kwalifiki (MQRIC) fi ħdan in-National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), jew minn kwalunkwe awtorità oħra mwaqqfa għal dan il-għan. Dan iċ-ċertifikat għandu jiġi mehmuż mal-applikazzjoni u preżentat waqt l-intervista.

Il-Proċess tal-Għażla u t-Taħriġ

9. Il-Proċess tal-Għażla tal-Għażla jikkonsisti fi:

a. Parti I – Intervista

b. Parti II – Eżami Mediku

10. Il-Proċess tal-Għażla se jitmexxa mill-Forzi Armati ta' Malta kif ġej:

e) Professional and academic – Applicants Must be in possession of a warrant of 'Perit', or 'Perit Arkitett', or 'Perit Inġinier Ċivili', or 'Perit Arkitett u Inġinier Ċivili' to practice in Malta as regulated by the Periti Act, Cap 622 of the Laws of Malta;

f) Good moral character – Applicants shall be required to give their consent to the Malta Police to provide the AFM with their criminal records.

Applicants are to apply at the Armed Forces of Malta Headquarters and pay the applicable fee of €5.50 so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes.

Applicants shall be vetted in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force;

g) Employment – Not be a serving member of the Police, a Prison Warden or a member of the Civil Protection Department.

Submission of Supporting Documentation

6. Warrants, qualifications, and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application.

7. Original warrants, academic certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8. With respect to additional academic qualifications submitted in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

Selection Process and Training

9. The Selection Process consists of:

a. Part I – Interview

b. Part II – Medical Examination

10. The Selection Process will be conducted by the Armed Forces of Malta as follows:

a) Parti I – L-applikanti eliġibbli jkunu meħtieġa jidhru quddiem bord tal-għażla sabiex jiġu assessjati fl-adegwatezza tagħhom biex jimlew il-post.

L-applikanti jridu jiksbu l-istandard minimu fl-Intervista sabiex jitqiesu li għaddew minn din il-parti tas-selezzjoni. Marka Massima 200 (min. 150);

b) Parti II – Il-kandidat jiġi eżaminat medikament biex jiġi żgurat li l-kandidat hu b'saħħtu għall-impjieg skont ir-regolamenti tal-Forza Regolari.

11. L-Ordni tal-Mertu, għal dawk l-applikanti li għaddew mill-partijiet kollha tal-Proċess tal-Għażla tas-selezzjoni, jiġi stabbilit skont it-total ta' marki miksuba f'Parti I (Intervista).

12. Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess tal-Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

13. Ir-riżultat tal-Proċess tal-Għażla jibqa' validu għal sitt xhur, mid-data tal-finalizzazzjoni tal-Proċess tal-Għażla.

14. Man-nomina, l-individwu magħżul, ikun suġġett li jgħaddi minn taħriġ bażiku militari. Il-proviżjonijiet tar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kundizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri japplikaw minn hemm 'il quddiem.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

15. Applikanti prospettivi jistgħu jiġbru l-formoli tal-applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta.

16. L-applikazzjonijiet mimlija għandhom jaslu fl-Uffiċċju tar-Records, Forzi Armati ta' Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, 2026. Mal-formoli tal-applikazzjoni għandhom ikunu inklużi:

a) Ritratt tal-passaport bil-kulur;

b) Kopja tal-warrants, ċertifikati akkademiċi u professjonali, li jinkludu it-traskritt uffiċjali relatati maċ-ċertifikati maħruġ mill-Università;

c) Ittra ta' riferiment dwar il-karattru;

d) Curriculum vitae;

e) Jobsplus Employment History.

a) Part I – Eligible applicants will be requested to attend for an interview by a selection board to assess their suitability for the post.

Applicants must attain the minimum standard in the Interview to be considered as having gained an overall pass in this phase of the selection process. Maximum Mark 200 (min. 150);

b) Part II – the candidate will then be medically examined to ascertain that the candidate is fit for the post in accordance with Regular Force Standards.

11. The Order of Merit, for those applicants who are successful in all parts of the selection process, will be established according to the total marks obtained Part I (Interview).

12. Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

13. The result of the Selection Process will be valid for a period of six months from the of the finalisation of the Selection Process.

14. Once selected, the appointee will have to undergo basic military training. The relevant provisions of the Appointments and Conditions of Service of the Volunteer Reserve Force Regulations shall apply thereafter.

Submission of Application

15. Prospective applicants can collect application forms from Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks.

16. Duly completed application forms must reach Records Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, by noon, on Friday, 31st July, 2026, accompanied by:

a) Passport sized photograph in colour;

b) Copy of warrants, academic and professional certificates, including the official transcripts pertaining to University qualifications;

c) Character reference letter;

d) Curriculum vitae;

e) Jobsplus Employment History.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

17. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

18. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

19. L-applikanti jiġu infurmati b'ittra jekk ġewx magħżula jew le. Id-deċiżjoni tal-bord tal-għażla hija waħda finali.

Is-17 ta' Lulju, 2026

FORZI ARMATI TA' MALTA

Sejħa għall-Ingaġġ
Forza tar-Riżerva ta' Voluntieri
Bandisti fil-Forzi Armati ta' Malta

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jirreferu wkoll għall-femminil.

1. Il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta jilqa' applikazzjonijiet għal bandisti ċivili biex jingħaqdu u jservu fil-Forza ta' Riżerva tal-Voluntiera tal-Forzi Armati ta' Malta.

Termini u Kundizzjonijiet

2. Il-kandidati magħżula jiġu ingaġġati fl-FAM u jitpoġġew fuq Skala ta' Salarju 13 li fl-2026 hija ekwivalenti għal €24,230, fuq bażi prorata.

3. Bandisti riżervisti meħtieġa li jservu minimu ta' 12-il siegħa u massimu ta' 39-il siegħa fil-ġimgħa jew aggregat ekwivalenti f'kull xahar. Il-perjodi msemmija qabel jistgħu jiġu estiżi bi ftehim reċiproku.

4. Bandisti riżervisti jistgħu jissejħu f'każijiet ta' periklu nazzjonali jew ta' xi emerġenza kbira. Barra minn hekk, riżervisti jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw u jassistu l-Forza Regolari f'kull missjoni nazzjonali u xogħol ieħor.

5. Kandidati ingaġġati huma meħtieġa jattendu kors bażiku ta' taħriġ, jekk jeħlu minn dan il-kors, jinħallu mis-Servizz minnufih.

6. Bandisti riżervisti huma meħtieġa li, f'kull ħin, jkunu mgħammra bl-istrumenti mużikali proprji sabiex jiżguraw prontezza u twettiq konsistenti ta' prestazzjonijiet ta' kwalita' meta jiġu mitluba.

Rekwiżiti ta' Eliġibbiltà

7. Għaldaqstant qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand kandidati li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

Other General Provisions

17. Late applications will not be considered.

18. Further information may be obtained from the AFM website (www.afm.gov.mt).

19. Applicants will be notified by a letter whether they have been selected or not. The decision of the selection board will be final.

17th July, 2026

ARMED FORCES OF MALTA

Call for Enlistment
Volunteer Reserve Force
Bandsmen in the Armed Forces of Malta

Nomenclatures denoting the male gender includes also the female gender.

1. The Commander of the Armed Forces of Malta invites applications for civilian bandsmen to join and serve in the Volunteer Reserve Force of the Armed Forces of Malta.

Terms and Conditions

2. The successful candidates will be enlisted within the AFM and placed on Salary Scale 13 which in 2026 is equivalent to €24,230 on pro-rata basis.

3. Reservist bandsmen shall be required to serve a minimum of 12 hours and a maximum of 39 hours per week or an equivalent monthly aggregate. The aforementioned periods may be extended upon mutual agreement.

4. Reservist bandsmen shall be liable to be called out in case of national danger or emergency. Additionally, reservist bandsmen may be called out in order to participate and assist the Regular Force in any mission and task.

5. Enlisted candidates will be required to undergo a basic training course, failing which, he will, be discharged from the Service with immediate effect.

6. Reservist bandsmen are expected to always provide and maintain their own musical instruments to ensure readiness and consistent delivery of high-quality performances when called upon.

Eligibility Requirements

7. Applications are therefore invited from candidates who satisfy the following criteria:

a) Nazzjonalità – Ċittadini ta' Malta;

b) Età – Ikunu għalqu t-tmintax-il sena (18) iżda mhux il ħamsa u erbgħin sena (45) sena sad-data tal-għeluq ta' dawn l-applikazzjonijiet;

c) Medika – Ikunu b'saħħithom biex jaqdu dmirijiet skont il-livelli tal-Forza Regolari; Dan jinkludi li ma jkunux iqsar minn 1.57m. fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli paragunat mat-tul;

d) M'għandux ikollhom tattoos eċċessivi, u żgur mhux fuq il-wiċċ, l-għonq u kwalunkwe parti tal-id, jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq kwalunkwe parti tal-ġisem;

e) Professjonali u akkademiċi – KwalifiKi fil-mużika jitqiesu Bħala vantaġġ. L-applikanti kollha jridu jagħmlu awdizzjoni sabiex jiġi determinat jekk il-livell tal-kapaċità mużikali tagħhom hix konformi mal-istandard meħtieġ mill-Banda tal-FAM. Ir-riżultat ikun finali;

f) Karattru morali tajjeb – L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta biex jgħaddu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Forzi Armati ta Malta u jħallsu l-pagament ta' €5.50 dovut, sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika.

Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-Proċess ta' Selezzjoni, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi korp iddixxiplinat ieħor;

